Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,599, 30 ta' Marzu, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda diversi liġijiet bil-għan li jirriforma l-proċedura li biha jsiru diversi ħatriet.

ACT No. XII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the amendment of various laws for the purpose of reforming the procedure for the making of various appointments.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

30 ta' Marzu, 2021

ATT Nru XII tal-2021

ATT sabiex jemenda diversi liġijiet bil-għan li jirriforma l-proċedura li biha jsiru diversi ħatriet.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 dwar ir-Riforma tas-Setgħat tal-Ħatra.

TAQSIMA I
Emendi tal-Kostituzzjoni

Emendi għall-Kostituzzjoni.

2. Din it-Taqsima temenda l-Kostituzzjoni u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda għall-artikolu 86 tal-Kostituzzjoni.

3. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 86 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Fejn b'din il-Kostituzzjoni l-Prim Ministru huwa meħtieġ li jwettaq il-funzjonijiet elenkati fl-artikoli 120(2), (6) u (7), huwa għandu jagħmel dan wara li jkun aġixxa fuq dak il-parir li jista' jkun ingħata f'dak ir-rigward mill-Kabinett tal-Ministri.".

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA II
Emendi tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta

Emendi għall-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta. Kap. 204.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda għall-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

5. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali, il-kliem "nominat mill-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "nominat mill-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri".

Emenda għall-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

6. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "mill-Prim Ministru" għandhom jiżdiedu l-kliem "li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri".

TAQSIMA III
Emendi tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Emendi għall-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

7. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda għall-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

8. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "mill-Prim Ministru" għandhom jiżdiedu l-kliem "li jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett tal-Ministri".

TAQSIMA IV
Emendi tal-Att dwar l-Arbitraġġ

Emendi għall-Att dwar l-Arbitraġġ. Kap. 387.

9. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Arbitraġġ u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Arbitraġġ, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda għall-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

10. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "kwalifikati li jkunu hekk magħżula." għandhom jiżdiedu l-kliem "Qabel ma tiġi finalizzata din l-għażla, il-Prim Ministru għandu jikseb l-approvazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri.".

TAQSIMA V
Emendi tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*

Emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. Kap. 586.

11. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Verżjoni Elettronika

12. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali, il-kliem "mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni,", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri wara li kkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni,". Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 445 tal-24 ta' Marzu, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati